MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-30 ta' April, 2007

Talba Numru. 145/2007

**Mario Attard (ID. 600862 M)**

**Vs**

**Fenech Ray sive Raymond**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u seba u tletin Lira Maltin u seba u sittin centezmu (Lm237.67c) rapprezentanti bilanc fuq somma akbar prezz ta' appalt ta' xoghol ta' dawl, ilma u katusi li l-attur ezegwixxa fir-residenza tal-konvenut;

Bl-ispejjez u imghaxijiet legali;

Ra li l-konvenut baqa ma  pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra l-Kapitolu pprezentat minn Dr Caudine Zarb fit-23 ta’ April, 2007.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-Kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------